

# Banda Attiva

**Philip Schembri**
*Għalliem*



Sa minn ftit jiem wara l-Festa 2017, il-banda tagħna baqgħet attiva fl-attivitajiet tagħha. Fost l-impenji li din kellha, infakkar fiż-żewġ kunċerti li din tat ħdejn is-Santwarju f'Settembru u f'Ottubru rispettivament, dak ta' Jum it-Tifkira tal-Gwerra, tal-Milied u tal-Kunsill tal-Imġarr.

Però, naħseb li wieħed mill-kunċerti li din is-sena ngħata spinta kbira 'l quddiem kien dak ta' Ħadd il-Palm. Dan ġie esegwit għall-ewwel darba, kif jixraq, fil-Knisja Arċipretali tagħna b'mużika sagra adattata għal żmien ir-Randan u li tixraq li tindaqq f'dan it-tempju għażiż għalina. Kienet deċiżjoni għaqlija li rnexxiet u nagħti prosit lil kull min kien involut kemm mużikalment u kemm fl-organizzazzjoni ta' din l-attività. Hawnhekk niftaħar b'wiċċi minn quddiem li l-element Mellieħi, abbli u kapaċi, kien dejjem jiddomina fil-banda, fil-kor, fil-kantant, fil-qarrejja u f'min ippreżenta. Il-pubbliku numeruż li attenda wera wkoll l-apprezzament tiegħu għal din l-akkademja. Nittama li din l-attività tibqa' ssir fil-Knisja Arċipretali.

Nieħu l-okkażjoni biex b'niket infakkar fil-memorja tal-kollega tagħna l-ex bandista tal-post Michelle Sharma li marret tiltaqa' mal-Mulej kmieni din is-sena. Michelle kienet mara serja, dħulija u eżemplari. Kienet tħobb ħafna l-banda tagħna u qatt ma kienet tonqos li tagħti s-sehem tagħha f'kull attività tal-banda kull meta hi kienet tkun lura Malta. Il-Banda tagħna ma naqsitx milli tagħtiha t-tislima li tant kien jixirqilha dakinhar tal-funeral. Nitlob lill-Mulej li jagħtiha l-mistrieħ ta' dejjem, filwaqt li nagħti l-kondoljanzi tiegħi lill-familjari tagħha li tant ħabbewha. Nagħti prosit ukoll lis-Surmast Raymond Fenech li kien pront u ddedika marċ funebri ġdid tiegħu lilha bħala ex studenta tiegħu fiż-żmien meta kienu l-Awstralja.

Waqt li qiegħed nikteb dawn il-kelmtejn tiegħi għadni kemm ħadt l-aħbar kerha tal-mewt tal-ex President tas-Soċjetà, is-Sur Joseph Bartolo. Lil Ġużepp, kif konna nafuh, ili nafu sa mill-1979, għax kien kollega tiegħi meta kont naħdem fid-Dipartiment tal-Posta. Naturalment, hu kien kważi jiġi missieri mill-età u għalkemm qatt ma ħdimt miegħu dirett, kont inkun ta' spiss f'kuntatt miegħu fuq xogħol kif ukoll mal-mibki s-Sur Joe Borg (missier is-Surmast Tonio Borg u l-President Josef Borg). Kienu dawn it-tnejn li ressquni lejn il-Każin Imperial bħala bandist dak iż-żmien u laqqgħuni mal-mibki Surmast Ninu Sammut. Fuq ix-xogħol, Ġużepp kien xempju tal-bżulija, għaqal u serjetà u fl-istess ħin kien dħuli, ċajtier u jaf imur man-nies. Dawn l-istess kwalitajiet kont narahom fih ukoll fis-servizz twil tiegħu li ta lis-Soċjetà Imperial li tant kien iħobb, fid-diversi karigi li okkupa bħala bandist, membru tal-kumitat, kaxxier, eċċ., sakemm ġie afdat fit-tmun bħala President. F'kelma waħda, il-Każin tal-Banda Imperial tilef wieħed mill-pilastri ewlenin. Nagħti l-kondoljanzi tiegħi u tal-familja lill-familjari kollha tiegħu, filwaqt li lil Ġużepp ngħidlu li ser nibqgħu niftakru fih u nitolbu għalih.

Nagħti l-festa t-tajba lil kulħadd.

IMPERIAL BAND CLUB MELLIEĦA

*Ħeġġu lil uliedkom jitgħallmu l-Mużika mal-Banda Imperial*